REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/663

tal-21 ta' April 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tal-volum tal-kwota tar-rata tariffarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja mill-Paragwaj

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([2]) jistabbilixxi regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u li jissostitwixxi u jħassar ċertu numru ta' atti li fetħu dawn il-kwoti u jipprevedi regoli speċifiċi.

(2) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") mill-Unjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit innotifikaw lill-Membri l-oħra tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) li l-livelli attwali tagħhom ta' aċċess għas-suq se jinżammu permezz tat-tqassim tal-kwoti tar-rati tariffarji tal-Unjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Il-metodoloġija għal dak it-tqassim, kif ukoll il-volumi tal-EU-27, huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) Madankollu, il-kwoti tar-rati tariffarji tal-Unjoni li mhumiex parti mill-iskeda tad-WTO tal-Unjoni ma kellhomx jitqassmu.

(4) Madankollu, il-kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' 1 000 tunnellata, miftuħa abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1149/2002 ([4]) u espressa f'piż tal-prodott, ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja friska, imkessħa jew iffriżata, li mhijiex parti mill-iskeda tad-WTO tal-Unjoni, ġiet imqassma ħażin bir-Regolament (UE) 2019/216. Il-volum tagħha tnaqqas bi żball b'applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021.

(5) Ir-Regolament (UE) 2022/111 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) emenda l-Parti A tal-Anness tar-Regolament (UE) 2019/216 billi ħassar ir-ringiela dwar il-kwota tariffarja għal-laħam ta' kwalità għolja tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat, li joriġina mill-Paragwaj, mill-lista tal-kwoti mqassma.

(6) Huwa meħtieġ li terġa' tiġi stabbilita l-kwantità oriġinali tal-kwota tariffarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja mill-Paragwaj bin-numru tal-ordni 09.4455 fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1149/2002 tas-27 ta' Ġunju 2002 li jiftaħ kwota awtonoma għall-importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 13).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2022/111 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/216 fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-Unjoni għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja mill-Paragwaj (ĠU L 19, 28.1.2022, p. 1).

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, ir-ringiela "Kwantità f'Kg" fit-tabella relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4455 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'Kg**	1 000 000 kg ta' laħam mingħajr għadam"